# Kumitat Amministrattiv SWATAR
## Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

**Minuti**

## Seduta Nru. 43/2013

Data: It-Tnejn, 9 t' Diċembru 2013

Ħin: 6:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Catherine Mangion – *Membru*

---

**AĠENDA**

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Traffic Management ġewwa s-Swatar;
6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 43/2013

Annex A

# Minuti 43/2013

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Intervent mis-Sur Rudolph Cini

*Protest tas-Sur Cini*

2.1 Is-Sur Ċini talab li jkun jista' jagħmel intervent qabel tkompli l-laqgħa. Hu qal li ma jistax ikun li ma jkunx hemm ħruġ minn Triq it-Torri għal-By Pass. Hu qal li l-KAS ilu jiġi mwiegħed mill-Kunsill ta' Birkirkara li ħa ssir din il-ħruġ u għadu ma sar xejn. Qal lanqas linji bojod li huma bżonjużi biex jiġi evitat xi inċident għadhom ma' saru. Qal li ma jistax ikun li l-KAS jibqa jiġi njorat mill-Kunsill ta' Birkirkara u bi protesta qal li ser jitlaq mill-laqgħa.

*Talba għal inkjesta fuq nuqqas ta' informazzjoni mill-Kunsill ta' Birkirkara*

2.2 Iċ-Chairperson talbet biex titkellem fuq żewġ punti qabel jitlaq is-Sur Cini. Hi qalet li l-uffiċjali tal-MEPA qalu li kellhom l-impressjoni li l-KAS ma riedx jiltaqa magħhom minħabba li ma kellhomx risposta wara li kkuntatjaw il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex issir laqgħa mal-KAS. Hi qalet li l-Kunsill ta' Birkirkara qatt ma nformaw lill-KAS b'dan. Qalet li hi talbet lid-Direttur tad-DGL biex jagħmel inkjesta.

*Sit taħt proċess ta' Rationalisation fis-Swatar.*

2.3 Iċ-Chairperson kompliet billi qalet li l-MEPA qed jistennew il-kummenti tal-KAS fuq sit li għaddejja minn 'rationalisation'. Sar qbil li s-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat imejl lill-MEPA biex titlob gwida fuq il-possibilitajjiet ta' żvillup f'dan is-sit u tgħaddihom lill-membri tal-KAS biex imbad issir laqgħa biex tiġi diskussa din il-materja, preferabiltment fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar. Is-Sur Zahra semma li f'din iż-żona importanti li ssir Triq li tiżbokk fuq Triq Dun Karm biex ikun hemm aċċess għal min ikun ħiereġ minn ħdejn l-iskola.

## 3. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kumitat tal-KAS preżenti.

## 4. Punti Mqajma mill-Minuti

*Traffic Management*

4.1 **Punt 3.1** – Il-laqgħa mas-Sindku ta' Birkirkara saret u is-Sindku talbet li l-KAS jiltaqa' mal-Perit. Minħabba li s-Sur Zahra kien impenjat din il-laqgħa għadha ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Zahra ftehmu li ser jagħmlu appuntament matul żmien il-Milied għax is-Sur Zahra ma jkunx xogħol (preferabilment fit-23 ta' Diembru). Sar qbil li meta jsir l-appuntament tintbagħat imejl lill-membri tal-Kumitat biex min ikun jixtieq jattendi jkun jista jagħmel dan. Sar qbil li l-membri tal-Kumitat jintalbu jagħtu s-suġġerimenti tagħhom sa qabel il-laqgħa. Is-Sur Zahra semma li kien hemm xi pjanta tat-Traffic Management u s-Segretarju

| | | |
|---|---|---|
| | Eżekuttiv qalet li ser tfittex fil-files li ngħatawlha mis-Sur Galea. | |
| 4.2 | **Punt 3.2 –** Iċ-Chairperson informat lill-membri tal-Kumitat li l-Kunsill ta' Birkirkara biddlu l-kuntrattur tal-Knis u tal-ġbir ta' l-iskart, għalhekk is-sitwazzjoni għandha tiġi għall-aħjar. Intqal ukoll li nbidlu l-ġranet tal-ġbir ta' l-iskart u li ntbgħat fuljett f'kull dar bl-informazzjoni neċessarja. | *Knis u Ġbir ta' Skart* |
| 4.3 | **Punt 3.3 –** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ser tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida għad dawl fi Triq il-Ġostra. Qalet ukoll li ser titkellem ma' L-Enemalta u mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fuq l-applikazzjoni ta' Triq Paul Borg Olivier. Iċ-Chairperson talbitha biex titkellem ma' Dorianne. | *Applikazzjonijiet ta' Dwal tat-Toroq* |
| 4.4 | **Punt 6.1 –** L-Attivita' li kellha ssir fit-2 ta' Novembru tħassret minħabba l-maltemp u saret fid-9 ta' Novembru. Iċ-Chairperson qalet li kienet suċċess għal kemm ħadd mill-KAS ma kien preżenti. | *Attivita' f'Birkirkara* |
| 4.5 | **Punt 6.2 –** Iċ-Chairperson qalet li l-Kumitat ta' Mater Dei għaddej bi preparamenti għall-attivita' tal-Muturi. Talbiet jekk xi ħadd għandux kuntatt ma' Valerie Gatt u s-Sur Zahra qal li jista' jkellem lil kuġin tiegħu u jara jekk jafiex. Qal li ser iċempillu u jagħti risposta lis-Sna Mifsud. L-attivita' ser issir f'Diċembru pero' d-data għadha mhix konfermata. | *Attivita' tal-Muturi* |
| 4.6 | **Punt 6.3 –** Il-KAS ma ħax sehem bħala kumitat fil-President's Fun Walk. | *Fun Walk* |
| 4.7 | Is-Sur Zahra ħareġ mill-laqgħa – 18:40 | |
| 4.8 | **Punt 6.4 –** Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil Mary Rose li l-Kunsill ta' L-Imsida għamel kuntatt ma xi ħadd mill-Isptar fuq korsijiet ta' Basic First Aid fil-Kunsill Lokali. Qalet li l-Kunsill ser jagħmel kors f'Jannar għar-residenti bla ħlas. Is-Segretarju ser tgħaddi l-informazzjoni liċ-Chairperson u jitkellmu f'aktar dettal. | *Courses tal-BLS* |
| 4.9 | **Punt 7.1 –** Il-mera għadha ma twaħħlitx mill-Kunsill ta' Birkirkara. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tfakkar lill-Kunsill ta' Birkirkara fuq din il-materja. | *Mera ħdejn l-X Zone* |
| 4.10 | **Punt 7.2 –** Fuq l-arblu tar-romp around għandha tkompli tagħmel pressjoni s-Segretarju Eżekuttiv. | *Arblu – Romp Around* |
| 4.11 | **Punt 7.4 –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkompli tagħmel pressjoni fuq it-TM biex jinbiddlu t-tabelli. | *Tabelli miksura* |
| 4.12 | **Punt 7.5 –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tressaq din il-proposta fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ta' L-Imsida. | *Sleeping Police, Triq is-Swatar.* |
| 4.13 | Is-Sur Zahra daħal fil-laqgħa – 18:47 | |
| 4.14 | **Punt 8.1** – Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-Kunsill ta' L-Imsida għadu jrid jagħmel il-bins u stickers u meta jsiru jingħataw minnhom lill-KAS biex jitwaħħlu fiż-żona ta' L-Imsida. | *Bins u Stickers - Ħmieġ tal-Klieb* |
| 4.15 | **Punt 8.4 –** Iċ-Chairperson qalet li Triq il-Qattus qed isir xi ħaġa relatat mal-Flood Relief u l-kamra li nbniet qed tkun ta' detriment għan nies għax hemm it-tajn u ġieli waqgħu n-nies. In-nies jgħaddu minn hemm għax hemm hu l-uniku aċċess għan-naħa ta' Birkirkara. Sar qbil li l-Kunsill ta' Birkirkara jintalab jinforma lil-KAS bix-xogħol li qed isir fiż-żona tas-Swatar. | |
| 4.16 | **Punt 8.5 –** Iċ-Chairperson qalet li hi u s-Segretarju Eżekuttiv | *Laqgħa mal-Kappillan* |

attendew għal laqgħa mal-Kappillan u qalet li tħoss li għandha tirringrazzja lill-Kappillan u lil Fr Robert ta' l-għajnun tagħhom, speċjalment fil-laqgħa li saret mal-MEPA. Hi qalet li Triq is-Sisla għadha trid tinfetaħ l-ewwel darba u li din hija reponsabilita' tat-TM. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja. *Triq is-Sisla*

**4.17** **Punt 8.6 -** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li qed tistenna li St Martin's College jikkonfermaw data ghal-laqgħa. *Laqgha ma l-iskola St Martin's*

**4.18** **Punt 8.7 –** Iċ-Chairperson qalet li ser tinbidel id-data tal-Blood Donation Day x'aktarx għal Ħadd 22 ta' Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv talbel li tkun informata malli tkun ikkonfermata d-data ħalli ssir promozzjoni fuq il-Facebook page tal-KAS u tal-Kunsill ta' L-Imsida. *Blood Donation*

**4.19** **Punt 8.8 –** Il-Kumitat reġa spjega li l-HSBC kien għamel Carwash u nofs il-qliegħ kien għadda għand il-Parroċċa tas-Swatar. L-HSBC kienu nformaw lill-KAS li bin-nofs l-ieħor iridu jagħmlu xi ħaġa għal komunita' tas-Swatar pero' l-membri tal-Kumitat ma semgħu xejn iżjed. Għandu jsir kuntatt ma' Josianne Tanti mill-HSBC biex il-KAS jingħata aktar informazzjoni fuq l-ammont ta' flus u x'jista' jsir. Il-KAS jixtieq li ssir tabella moderna bil-kliem Is-Swatar. *Tabella 'SWATAR' – flus mill-HSBC*

## 5. Korrispondenza

**5.1** Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'titressaq quddiem il-Kumitat.

## 6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**6.1** Is-Sna Spiteri semmiet il-problema li qed isiru ħafna U-Turns mis-sewwieqa li jkunu għaddew l-HSBC u jkunu jridu jmorru lejn is-Swatar jew il-Belt. Hi qalet li dan qed isir minkejja tabelli li hemm fiż-żona biex dawn ma jsirux. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma l-Gwardjani Lokali biex jiċċekjaw din iż-żona minħabba l-periklu li jista jinħoloq. Il-membri tal-KAS xtaqu jkunu jafu jekk il-Gwardjan jistax ikun pajżan. *U-Turns*

**6.2** Is-Sur Zahra semma passaġġ (tar-riġel) li hemm wara x-showroom ta' Satariano li jagħti aċċess għal Triq il-Wied. Il-KAS qablu li għandu jsir xi taraġ hemm biex in-nies tas-Swatar ikunu jistgħu jużaw dan il-passaġġ (li llum hu perikoluż) biex ikollhom aċċess tajjeb għal Triq il-Wied minn fejn ikunu jistgħu jaqbdu karozza tal-Linja. *Taraġ - wara x-showroom ta' Satariano*

**6.3** Iċ-Chairperson irraportat li l-bozzoz tal-Bandli tas-Swatar mhux qed jixgħelu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-Kuntrattur tad-dwal. *Ħsara fil-bozoz tal-Bandli*

**6.4** Iċ-Chairperson saqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv fuq il-kirjiet ta' Street Furniture fil-lokal ta' L-Imsida. Is-Segretarju kkonfermat li hemm Bye-Law li tagħti d-dritt lill-Kunsill biex jikri dawn l-ispazzji skont rati fissi li huma stabilliti mill-liġi. Iċ-Chairperson qalet li s-Sindku preċedenti ta' B'Kara kien dejjem qed jgħidilhom li dawn il-kirjiet m'għadhomx possibli. Iċ-Chairperson kienet ferm irrabjata fuq din il-ħaġa u qalet li l-flus li jiġu minn dawn it-tip ta' kirjiet fis-Swatar għandhom imorru fi proġetti għas-Swatar. *Kiri ta' Street Furniture*

**6.5** Iċ-Chairperson talbet għal meeting mal-Ministru Joe Mizzi. *Meeting mal-Ministru*

**6.6** Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri tal-Kumitat li talbet l-Accountat tal-Kunsill ta' L-Imsida biex jinħoloq code għas-Swatar biex l-infiq li jsir f'din iż-żona ikun jista jiġi kkalkulat. B'hekk ikun aktar faċli li l-Kunsill iżomm ma' l-Allokazzjoni li għandu għal din iż-żona. Il-Kumitat qabel. *Codes ġodda għas-Swatar fis-sistema ta' l-Accounts*

**6.7** Is-Sna Spiteri informat lis-Segretarju Eżekuttiv li ġiet ivvandalizzata tabella tal-fuħħar fi Triq Sant Andrija (ħdejn Jeff's Pastizzeria). Talbet biex issir waħda ġdida. *Tabella mkissra – Triq Sant Andrija*

**6.8** Iċ-Chairperson tixtieq tkun taf jekk in-naħa tal-Bandli ta' Triq il-Qattus jagħmilx mas-Swatar jew le. Il-Kunsill ta' Birkirkara għandhu jintalab jikkonferma. Hi qalet li l-MEPA qalula li ma jistax ikun hemm naħa ta' triq ma' Kunsill u naħa oħra ma Kunsill ieħor. *Konfini tas-Swatar (Triq il-Qattus)*

## 7. Diskors taċ-*Chairperson*

**7.1** Iċ-*Chairperson* appellat biex il-membri tal-Kumitat jikkoperaw maż-ŻAK waqt l-Attivita' tal-Christmas Market. Hi qalet li kien hemm xi problemi bil-boards li talbet għax it-talba tal-KAS ġiet injorata mill-Kunsillier Mizzi li huwa nkarigat mill-Kultura fil-Kunsill ta' B'Kara. Hi tħoss li qed isir boycot mal-KAS minn naħa tas-Sur Mizzi u tħoss li m'għandux ikun hu li jieħu ħsiebhom u ser tinforma lis-Sur Zarb. Hi qalet li jista jkun li jinkrew l-imwejjed għal din l-attivita'.

**7.2** Iċ-Chairperson qalet ukoll: "Jien diżgustata li aw min irid jitfa dell ikrah fuqi għax inżomm iebes fuq ċerti issues, bħal proġett ta' fejn il-Knisja li kien qed ikolli xi ngħid mas-Sindku preċedenti tal-Kunsill ta' Birkirkara u mal-Kunsill biex ninjora dak li għamel. Iżda jien l-intenzjoni tiegħi hi li mhux biex nagħmel id-deni iżda biex nagħmel il-ġid għas-Swatar u hekk ser inkompli nagħmel sakemm nara ż-żona tas-Swatar kif jixraqlu jkun."

## 8 Għeluq u Aġġornament

**10.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:50pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2014, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida. Din il-laqgħa għandha tiffoka primarjament fuq it-Traffic Management u s-sit tar-Rationalisation. Il-laqgħa ta' wara tkun nhar it-Tlieta 4 ta' Frar fl-istess ħin.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv

Data